Bundesministerium des Innern und für Heimat

**MT**

L-Elezzjonijiet Ewropej se jsiru fil-Ġermanja nhar is- 9 ta' Ġunju 2024. Inti ċittadin jew ċittadina ta' pajjiż membru tal-Unjoni Ewropeja? Jekk iva, uri fehmtek dwar il-futur tal-Ewropa u agħmel użu mid-dritt tiegħek li tivvota. Il-Parlament Ewropew huwa l-leħen tiegħek fl-Ewropa u l-unika istituzzjoni Ewropeja li l-membri tagħha jiġu magħżula permezz ta' elezzjoni. Id-deputati fil-Parlament Ewropew jiddeċiedu dwar suġġetti importanti tal-politika – anki fuq setturi li lilek jolqtuk direttament.

## Dan huwa ċ-ċans tiegħek – ivvota!

### X'għandek tagħmel biex tieħu sehem?

Jekk inti ċittadin Ewropew jew ċittadina Ewopeja u tgħix fil-Ġermanja, tista' tieħu sehem fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew billi jew tivvota f'pajjiżek jew fil-Ġermanja għal dawk il-kandidati li joħorgu għall-elezzjoni. Jekk tiddeċiedi li tivvota fil-Ġermanja, għandek tinnota dan li ġej:

### Min għandu d-dritt li jivvota?

Kull persuna ċittadin jew ċittadina Ewropeja li toqgħod il-Ġermanja għandha d-dritt li tivvota fil-ġurnata tal-elezzjoni jekk:

- Tkun għalqet 16-il sena;
- Kienet ilha tgħix fil-Ġermanja jew f'xi stat ieħor membru tal-Unjoni Ewropeja għal mill-inqas tlett xhur;
- Ma tilfitx id-dritt li tivvota fil-Ġermanja jew f'pajjiz ieħor membru tal-Unjoni Ewropeja.

### Xi trid tagħmel?

Biex tieħu sehem bil-vot tiegħek fil-Ġermanja, ismek irid jidher fir-reġistru elettorali fil-post fejn toqgħod (fejn inti residenti) fil-Ġermanja.

- Jekk inti diġa vvutajt fil-Ġermanja fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, ismek diġa jidher fir-reġistru elettorali fil-post fejn toqgħod u ma għandekx għalfejn terġa' tirreġistra. Jekk sal-19 ta' Mejju 2024 ma tkunx irċevejt il-card biex tivvota ikkuntattja lill-awtoritajiet ta' fejn toqgħod.
- Jekk dan mhux il-każ, u inti ċittadin jew ċittadina ta' pajjiż tal-Unjoni Ewopeja, **inti għandek tapplika biex ismek jidher fuq ir-reġistru elettorali**. Din l-applikazzjoni trid issir lill-awtoritajiet tal-post fil-Ġermanja fejn toqgħod **sal-19 ta' Mejju 2024**. (Jekk jogħġbok ara x'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ u f'liema ħin titwassal il-posta.)

### Minn fejn tista tikseb formola ta' applikazzjoni u ssib iktar informazzjoni?

Għall-formoli tal-applikazzjoni u iktar informazzjoni mur **l-awtorita' lokali tal-post fejn toqgħod** jew idħol **bl-Internet** fis-sit

https://www.bundeswahlleiterin.de/europawahlen/2024/informationen-waehler/unionsbuerger.html.

### X'għandek tagħmel jekk tippreferi tivvota f'pajjiżek u mhux ġol-Ġermanja?

Jekk ivvutajt fil-Ġermanja fl-Elezzjonijiet Ewropej tal-2019, **għandek tapplika biex titneħħa mir-reġistru elettorali** tal-post fejn toqgħod **sal-19 ta' Mejju 2024**. Għal informazzjoni dwar

kif tieħu sehem fl-elezzjonijiet billi tivvota ġo pajjiżek, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-awtoritajiet reponsabbli f'pajjiżek jew il-missjoni diplomatika ta' pajjiżek.